# QORTI ĊIVILI
# (SEZZJONI FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF
## JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)

**Seduta ta' nhar il-25 ta' Jannar 2022**

**Rikors Numru : 110/2021 JPG**

**Kawza Numru : 17**

**JZ**

**Vs**

**MZ**

## Il-Qorti:

Rat ir-rikors ta' JZ datat 12 ta' Marzu 2021, a fol 1 et seqq., li jaqra hekk:

1. *Illi r-rikorrenti izzewweg lill-intimata fil-06 ta' Ottubru 1968 u minn dan iz-zwieg kellhom zewgt itfal (J u F) li illum huma maggorenni.*

2. *Illi fil-03 ta' Marzu 2021 il-kontendenti infirdu permezz ta' separazzjoni konsenswali ai termini tal-kuntratt ta' separazzjoni pubblikat minn-nutar Liza Schembri – kopja legali hawn annessa u mmarkata bhala Dokument « A ».*

3. *Illi il-kontendenti ilhom jghixu separatament minn xulxin ghal aktar minn hamsa u ghoxrin sena  u issa, permezz tal-imsemmi kuntratt ta' separazzjoni irregolarizzaw formalment ir-relazzjonijiet ta' bejniethom.*

4. *Illi ma hemm ebda prospett ta' rikonciljazzjoni bejn il-kontendenti;*

5. *Illi r-rikorrenti jhoss li ghandu jaqta' kull rabta mal-intimata u jixtieq li juzufruwixxi ruhu minn dak li jipprovdi is-subtitolu IV tat-Titolu 1 tal-Ewwel Ktieb tal-Kodici Civili (kif gie emendat bl-effetti tal-Att XIV tas-sena 2012) u allura li jiddivvorzja minn ma'*

*martu b'mod li kull legam maghha jinqata' darba ghal dejjem.*

6. *Illi il-partijiet huma it-tnejn residenti u domiciljati hawn Malta*

*Ghaldaqstant, l-esponenti jitlob bir-rispett li dina l-Onorabbli Qorti joghgobha:*

1) *Tiddikjara u tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-kontendenti ghal ragunijiet fuq moghtija u cioe li ilhom jghixu separatament ghal aktar minn erba' snin u peress li ma hemm ebda possibilita' ta' rikonciljazzjoni bejniethom u*

2) *Tordna lir-Registratur tal-Qorti sabiex fi zmien stabbilit minn din il-Qorti javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet sabiex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku – kollox skond kif intqal fuq u ghar-ragunijiet fuq premessi, u kollox kif jigi ordnat minn din l-Onorabbli Qorti.*

*Bl-ispejjez kontra l-intimata illi hija minn issa ngunta ghas-subizzjoni taghha.*

Rat li l-atti tar-rikors promotur, d-digriet u tal-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati skond il-ligi;

Rat ir-risposta tal-intimata datata 9 ta' Dicembru 2021, a fol 28 li taqra hekk:

*Illi huwa minnu li l-partijiet izzewgu gewwa Malta fis-6 ta' Ottubru 1968 u li minn dan iz-zwieg kellhom zewgt itfal, lkoll 'l fuq minn tlieta u ghoxrin (23) sena;*

*Illi huwa minnu li l-partijiet huma legalment separati b'kuntratt redatt minn Nutar Liza Schembri, datat it-3 ta' Marzu tas-sena 2021. Di piu' huwa minnu li l-partijiet ilhom separati de facto ghal fuq minn hamsa u ghoxrin (25) sena;*

*Illi huwa minnu li m'hemm l-ebda prospett ragjonevoli ghal rikonciljazzoni bejniethom;*

*Illi hija tikkonferma li m'hemm l-ebda problema fir-rigward tal-manteniment ghaliex, skond il-kuntratt tas-separazzjoni, hemm rinunzja reciproka f'dan ir-rigward;*

*Illi ghalhekk, l-esponenti taqbel li l-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghall-ksib tad-*

*divorzju skond l-Ligijiet ta' Malta huma sodisfatti;*

*Ghaldaqstant, l-esponenti ma ssib l-ebda oggezzjoni ghat-talbiet tar-rikorrenti.*

*Bl-ispejjez.*

Ezaminat ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Rat l-Artikoli 66A, 66B u 66C tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

**Ikkonsidrat:**

**JZ xehed** (vide affidavit fol 18) illi l-kontendenti zzewgu nhar is-6 ta' Ottubru 1968 u li minn dan iz-zwieg twieldu zewgt itfal, illum maggorenni. Sostna illi filfatt dan iz-zwieg ma rnexxiex u l-kontendenti sseparaw legalment permezz ta' kuntratt ippubblikat minn Nutar Dr Liza Schembri nhar it-3 ta' Marzu 2021. Iddikjara illi l-kontendenti ilhom jghixu separatament ghal aktar minn hamsa u ghoxrin sena u li ma hemm ebda tama ta' rikonciljazzjoni.

**MZ** xehdet (vide affidavit fol 29) u kkonfermat u kkorroborat dak li xehed l-attur.

**Ikkonsidrat:**

Rat l-Artikoli 66A u 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta fejn inghad:

> ***66A. (1) Kull wieħed u waħda mill-miżżewġin ikollu l-jedd illi jitlob id-divorzju jew il-ħall taż-żwieġ skont kif inhu maħsub f'dan is-Sub-Titolu. Ma jkunx meħtieg illi qabel ma jiġi mitlub id-divorzju, il-miżżewġin ikunu infirdu minn xulxin b'kuntratt jew b'sentenza.***
>
> ***(… omissis)***
>
> ***66B. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu, id-divorzju ma jistax jingħata ħlief b'talba ta' żewġ persuni miżżewġa***

*flimkien jew ta' waħda minnhom kontra l-oħra, u sakemm il-qorti tkun sodisfatta li:*

*(a) fil-każ li t-talba tkun qed issir miż-żewġ konjuġi flimkien, fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-anqas sitt xhur mis-sena preċedenti:*

*Iżda fejn it-talba tkun qed issir minn konjuġi minnhom kontra l-ieħor, fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-anqas sena mis-sentejn preċedenti; jew*

*(b) fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu separati b'kuntratt jew b'sentenza tal-qorti; u*

*(ċ) ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-miżżewġin; u*

*(d) il-miżżewġin u kull wild tagħhom qed jirċievu manteniment adegwat, fejn hu dovut, skont iċ- ċirkostanzi partikolari tagħhom, kif hemm maħsub fl-artikolu 57:*

*Iżda l-miżżewġin jistgħu f'kull żmien jirrinunzjaw għad-dritt tagħhom ta' manteniment:*

*Iżda wkoll għall-fini ta' dan il-paragrafu, l-manteniment ordnat mill-qorti b'sentenza ta' separazzjoni jew miftiehem bejn il-miżżewġin f'kuntratt ta' separazzjoni għandu jiġi meqjus bħala manteniment adegwat:*

*Iżda wkoll id-divorzju ppronunzjat bejn persuni miżżewġin li kienu separati b'kuntratt jew b'sentenza ma jġib ebda bidla f'dak ordnat jew miftiehem bejniethom, ħlief għall-effetti tad-divorzju li joħorġu mil-liġi.*

**Ikkonsidrat:**

Il-kontendenti kkonferaw bil-gurament li huma kienu zzewgu nhar is-6 ta' Ottubru 1968, u dana nonostante l-fatt li c-certifikat taz-zwieg juri li z-zwieg sehh il-21 ta' Frar 1969, liema zwieg igib certifikat numru 307/1969 (Vide certifikat taz-zwieg fol 27). Minn dan iz-zwieg twieldu zewgt itfal, illum maggorenni.

Jinsab stabbilit ukoll illi l-partijiet isseparaw legalment permezz ta' kuntratt ppubblikat fl-atti tan-Nutar Dottor Liza Schembri nhar it-3 ta' Marzu 2021 (vide fol 5 et seqq.), izda ghexu separatament ghal aktar minn hamsa u ghoxrin (25) sena. Ghalhekk jirrizulta illi l-kontendenti ilhom separati ghal terminu ta' zmien li jeccedi dak rikjest mill-ligi.

Jirriżulta ukoll illi ma hemmx pendenzi ta' manteniment.

Il-Qorti tqis inoltre li ma hemm ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet.

Ghalhekk jirrizulta illi r-rikorrenti irnexxielhom jissodisfaw r-rekwiziti kollha mehtiega mil-ligi sabiex z-zwieg jigi mahlul.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet, liema zwieg jgib certifikat numru 307/1969 u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fiz-zmien moghti mil-Ligi, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.**

**Il-Qorti tordna li l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.**

**Moqrija**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Christabelle Cassar**
**Deputat Registratur**